Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/2080(INL)

26.9.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol – tiswir tal-futur tax-xogħol
(2025/2080(INL))

Rapporteur għal opinjoni: Jadwiga Wiśniewska

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)

PA_INL

EMENDI

Il- Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern présente għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, responsabbli, b'dan li ġej:

Emenda 1
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport finali tal-istudju kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Study exploring the context, challenges, opportunities, and trends in algoritmic management" (Studju li jesplora l-kuntest, l-isfidi, l-opportunitajiet u x-xejriet fil-ġestjoni algoritmika) (VT-2022–035),	– wara li kkunsidra r-rapport finali tal-istudju kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Study exploring the context, challenges, opportunities, and trends in algoritmic management" (Studju li jesplora l-kuntest, l-isfidi, l-opportunitajiet u x-xejriet fil-ġestjoni algoritmika) (VT-2022–035),

Emenda 2
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA), qed issawwar mill-ġdid b'mod profond is-swieq tax-xogħol, qed twassal għall-għajbien ta' xi impjiegi u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, u qed tbiddel in-natura tal-kompiti f'dawk eżistenti, u għalhekk teħtieġ adattament kontinwu min-negozji u l-ħaddiema;	A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA), qed issawwar mill-ġdid b'mod profond is-swieq tax-xogħol, qed twassal għall-għajbien ta' xi impjiegi u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, u qed tbiddel in-natura tal-kompiti f'dawk eżistenti, u għalhekk teħtieġ adattament kontinwu min-negozji u l-ħaddiema***, inkluż f'diversi setturi, fejn dawn il-bidliet jaffettwaw kif jinħolqu, jitqassmu u jiġu ssalvagwardjati x-xogħlijiet***;

Emenda 3
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi r-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)[1a] jistabbilixxi qafas legali uniformi b'mod partikolari għall-iżvilupp, it-tqegħid fis-suq, it-tqegħid fis-servizz u l-użu ta' sistemi tal-intelliġenza artifiċjali (sistemi tal-IA) fl-Unjoni u diġà qed jindirizza r-riskji ewlenin li jirriżultaw mis-sistemi tal-IA;
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj).

Emenda 4
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha titmexxa b'mod li jsaħħaħ il-produttività, l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni; billi din it-tranżizzjoni trid fl-istess ħin tirrispetta l-prinċipji tal-progress soċjali, filwaqt li tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha;	B. billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha titmexxa b'mod li jsaħħaħ il-produttività, l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni ***filwaqt li jiġi evitat piż eċċessiv fuq in-negozji minħabba regolamentazzjoni żejda***; billi din it-tranżizzjoni trid fl-istess ħin tirrispetta l-prinċipji tal-progress soċjali, filwaqt li tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha ***fir-rigward tad-drittijiet***

	fundamentali inklużi l-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt ta' negozjar u azzjoni kollettivi jew id-dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni, kif definiti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

Emenda 5
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-kompetittività fit-tul, l-awtonomija strateġika u r-reżiljenza ċibernetika tal-Ewropa jiddependu fuq il-kapaċità li jiġu żviluppati u estiżi teknoloġiji kritiċi fl-Unjoni, inklużi l-IA, il-cloud computing, is-semikondutturi u l-konnettività sigura;

Emenda 6
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-integrazzjoni rapida tas-sistemi tal-IA mhijiex akkumpanjata minn taħriġ suffiċjenti, bi 15 % biss tal-ħaddiema pparteċipaw f'taħriġ rilevanti fl-2023 filwaqt li 42 % tal-ħaddiema jirrikonoxxu l-ħtieġa li jtejbu l-ħiliet tagħhom relatati mal-IA u 61 % jipprevedu rekwiżiti ġodda ta' ħiliet fil-ħames snin li ġejjin; billi dawk l-aktar fil-bżonn ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali huma dawk l-anqas probabbli li jieħdu sehem fih[7];	D. billi l-integrazzjoni rapida tas-sistemi tal-IA mhijiex ***dejjem*** akkumpanjata minn taħriġ suffiċjenti, bi 15 % biss tal-ħaddiema pparteċipaw f'taħriġ rilevanti fl-2023 filwaqt li 42 % tal-ħaddiema jirrikonoxxu l-ħtieġa li jtejbu l-ħiliet tagħhom relatati mal-IA u 61 % jipprevedu rekwiżiti ġodda ta' ħiliet fil-ħames snin li ġejjin; billi dawk l-aktar fil-bżonn ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali huma dawk l-anqas probabbli li jieħdu sehem fih[7]; ***billi t-taħriġ għandu jinkludi t-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet, u l-iżvilupp ta' ħiliet ġodda;***
[7] https://www.cedefop.europa.eu/en/publications/9201	[7] https://www.cedefop.europa.eu/en/publications/9201

Emenda 7
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-adattament tas-sistemi edukattivi, inkluż is-settur ***tal-VET***, huwa essenzjali biex l-istudenti jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex jirnexxu f'soċjetà kompetittiva, diġitali u teknoloġikament avvanzata;	E. billi l-adattament tas-sistemi edukattivi, inkluż is-settur ***tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET)***, huwa essenzjali biex l-istudenti jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex jirnexxu f'soċjetà kompetittiva, diġitali u teknoloġikament avvanzata;

Emenda 8
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-IA u l-ġestjoni algoritmika jipprovdu bosta opportunitajiet għall-ottimizzazzjoni tax-xogħol, saħħa u sikurezza okkupazzjonali mtejba kif ukoll sodisfazzjon tal-impjegati, iżda jippreżentaw ukoll ***ċerti*** riskji; billi l-użu tal-IA u l-ġestjoni algoritmika jistgħu jnaqqsu l-kompiti tedjużi u l-ammont ta' xogħol ġenerali, itejbu l-allokazzjoni tal-kompiti u l-produttività, jipprevjenu r-riskji okkupazzjonali u jintroduċu tnaqqis fl-ispejjeż;	F. billi l-IA u l-ġestjoni algoritmika jipprovdu bosta opportunitajiet għall-ottimizzazzjoni tax-xogħol, saħħa u sikurezza okkupazzjonali mtejba kif ukoll sodisfazzjon tal-impjegati, iżda jippreżentaw ukoll riskji ***sinifikanti***; billi l-użu tal-IA u l-ġestjoni algoritmika jistgħu jnaqqsu l-kompiti tedjużi u l-ammont ta' xogħol ġenerali, itejbu l-allokazzjoni tal-kompiti u l-produttività, jipprevjenu r-riskji okkupazzjonali u jintroduċu tnaqqis fl-ispejjeż;

Emenda 9
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi huwa ***importanti*** li jiġu indirizzati r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza ***kif ukoll l-iżolament*** soċjali	G. billi huwa ***imperattiv*** li jiġu indirizzati r-riskji relatati max-xogħol ***għad-drittijiet fundamentali*** li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, ***id-***

u ***l-istress***;

diskriminazzjoni, il-monitoraġġ u s-sorveljanza ***li jwasslu għal iżolament*** soċjali***, problemi serji ta' saħħa mentali, stress*** u ***impatt potenzjali fuq il-ħiliet konjittivi***;

Emenda 10
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi s-sistemi tal-IA użati fil-kuntest tal-impjiegi, fil-ġestjoni tal-ħaddiema u fl-aċċess għal impjieg indipendenti, b'mod partikolari għar-reklutaġġ u għall-għażla tal-persuni, għat-teħid ta' deċiżjonijiet li jaffettwaw it-termini tar-relazzjonijiet marbuta max-xogħol, il-promozzjoni u t-terminazzjoni ta' relazzjonijiet kuntrattwali relatati max-xogħol, għall-allokazzjoni ta' kompiti abbażi tal-imġiba individwali, il-kwalitajiet jew il-karatteristiċi personali u għall-monitoraġġ jew l-evalwazzjoni ta' persuni f'relazzjonijiet kuntrattwali relatati max-xogħol, huma kklassifikati bħala sistemi tal-IA b'riskju għoli fir-Regolament (UE) 2024/1689, u għalhekk jimplikaw obbligi speċifiċi għal dawk is-sistemi tal-IA kklassifikati;

Emenda 11
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-varar tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol jinvolvi l-ġbir u l-ipproċessar ta' volum kbir ta' data dwar l-impjegati, li ***jista'*** jqajjem tħassib dwar ***il-protezzjoni*** tad-data u l-privatezza u jirrikjedi diliġenza dovuta fil-ġestjoni ***tiegħu***;	H. billi l-varar tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol jinvolvi l-ġbir u l-ipproċessar ta' volum kbir ta' data dwar l-impjegati, li jqajjem tħassib ***serju*** dwar ***ir-rispett tad-dritt għall-protezzjoni*** tad-data ***personali*** u l-privatezza ***kif ukoll drittijiet oħra minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE,*** u jirrikjedi diliġenza dovuta fil-

ġestjoni ***ta' dawn is-sistemi***;

Emenda 12
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] tas-27 ta' April 2016 (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) jistabbilixxi regoli relatati mal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali;
	[1a] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

Emenda 13
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi s-sistemi ta' ġestjoni algoritmika spiss jaggravaw l-asimmetriji strutturali bejn il-ħaddiema u l-impjegaturi, b'mod partikolari fix-xogħol fuq il-pjattaformi u x-xogħol prekarju; billi l-opaċità tas-sistemi tal-IA ssaħħaħ il-kontroll maniġerjali potenzjali filwaqt li tnaqqas il-kapaċità tal-ħaddiema li jieħdu azzjoni u l-aċċess tagħhom għal rimedji;

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	La. billi l-użu dejjem akbar tal-IA u tas-sistemi algoritmiċi fil-kuntesti tal-impjiegi joħloq riskji sinifikanti għad-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema, inklużi d-drittijiet għad-dinjità, il-privatezza, il-protezzjoni tad-data, in-nondiskriminazzjoni, u l-libertà ta' assoċjazzjoni, kif protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

Emenda 15
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li kull teknoloġija ġdida għandha tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies u għandha tiġi ġestita mill-persuni f'konformità mal-prinċipju inkonfutabbli ta' "bniedem fil-kontroll";	1. Jenfasizza li kull teknoloġija ġdida ***fuq il-post tax-xogħol*** għandha tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies ***- b'mod partikolari lill-ħaddiema -*** u għandha tiġi ġestita mill-persuni f'konformità mal-prinċipju inkonfutabbli ta' "bniedem fil-kontroll";

Emenda 16
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Ifakkar li l-protezzjoni tad-data personali, inkluża d-data personali tal-ħaddiema, hija dritt fundamentali li jrid jiġi rispettat fl-użi kollha tas-sistemi diġitali u algoritmiċi fuq il-post tax-xogħol; jisħaq li l-użu ta' sistemi algoritmiċi fuq il-post tax-xogħol irid jirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet tal-ħaddiema għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data skont ir-Regolament (UE)

	2016/679;

Emenda 17
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jissottolinja l-importanza strateġika tal-IA u t-tranżizzjoni diġitali għall-futur tas-suq tax-xogħol u l-kompetittività tal-Unjoni Ewropea;

Emenda 18
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jisħaq li teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol jistgħu jikkostitwixxu vantaġġ kompetittiv u huma ppruvati li jipprovdu redditu aħjar lill-kumpaniji li jużawhom; jissottolinja f'dan ir-rigward il-fatt li l-kumpaniji għandhom jiġu mħeġġa jintegraw tali teknoloġiji b'mod responsabbli u trasparenti; jisħaq li l-użu ta' tali teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol għandu jiġi ssorveljat b'mod metikoluż aktar milli ristrett***, u jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa ta' qafas regolatorju ċar*** li ***jiżgura l-kompetizzjoni ġusta u jevita*** l-frammentazzjoni tas-suq uniku;	2. Jisħaq li teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol jistgħu jikkostitwixxu vantaġġ kompetittiv u huma ppruvati li jipprovdu redditu aħjar lill-kumpaniji li jużawhom; jissottolinja f'dan ir-rigward il-fatt li l-kumpaniji għandhom jiġu mħeġġa jintegraw tali teknoloġiji ***f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema u*** b'mod responsabbli u trasparenti; jisħaq li l-użu ta' tali teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol għandu jiġi ssorveljat b'mod metikoluż aktar milli ristrett***; jissottolinja l-ħtieġa*** li ***tiġi evitata*** l-frammentazzjoni tas-suq uniku;

Emenda 19
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jilqa' l-inizjattiva tal-Unjoni tal-Ħiliet; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-pjan direzzjonali mistenni dwar il-Kwalità tal-Impjiegi jirrifletti bis-sħiħ il-ħtieġa ta' titjib tal-ħiliet, taħriġ mill-ġdid u taħriġ fuq il-post tax-xogħol kontinwi dwar	4. Jilqa' l-inizjattiva tal-Unjoni tal-Ħiliet; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-pjan direzzjonali mistenni dwar il-Kwalità tal-Impjiegi jirrifletti bis-sħiħ il-ħtieġa ta' titjib tal-ħiliet, taħriġ mill-ġdid u taħriġ fuq il-post tax-xogħol kontinwi dwar

l-IA u l-ġestjoni algoritmika; jisħaq li l-inizjattivi rilevanti kollha li għandhom l-għan li jappoġġjaw lill-ħaddiema u lill-kumpaniji f'din it-tranżizzjoni jridu jiġu appoġġjati b'mod adegwat, inkluż permezz ta' riżorsi finanzjarji suffiċjenti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali;

l-IA u l-ġestjoni algoritmika; jisħaq li l-inizjattivi rilevanti kollha li għandhom l-għan li jappoġġjaw lill-ħaddiema u lill-kumpaniji f'din it-tranżizzjoni jridu jiġu appoġġjati b'mod adegwat, inkluż permezz ta' ***investimenti mmirati f'ekosistemi tal-IA sovrani Ewropej, infrastruttura diġitali sigura u programmi ta' innovazzjoni intensivi fil-ħiliet, kif ukoll permezz ta'*** riżorsi finanzjarji suffiċjenti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi indirizzat it-theddid tal-IA għal ċerti professjonijiet, sabiex tiġi ssalvagwardjata d-diversità;***

Emenda 20
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinsab imħasseb li l-użu tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika ***qed jikkontribwixxi għat-tneħħija gradwali tal-impjiegi fil-livell tad-dħul, li tradizzjonalment iservu bħala punt ta' aċċess essenzjali għas-suq tax-xogħol;*** jissottolinja l-fatt li din ix-xejra tirriskja li taffettwa b'mod sproporzjonat liż-żgħażagħ u lill-persuni li qed ifittxu impjieg għall-ewwel darba; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri proattivi biex jiżguraw li ż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol jiġu appoġġjati b'mod adegwat u jingħataw opportunitajiet ta' impjieg sinifikattiv fl-ekonomija diġitali li qed tevolvi;	7. Jinsab imħasseb li l-użu tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika ***fuq il-post tax-xogħol qed iwassal għall-awtomatizzazzjoni ta' ċerti impjiegi f'setturi sħaħ u għad-definizzjoni mill-ġdid ta' ħafna rwoli,*** jissottolinja l-fatt li din ix-xejra tirriskja li taffettwa b'mod sproporzjonat liż-żgħażagħ u lill-persuni li qed ifittxu impjieg għall-ewwel darba***, kif ukoll lill-ħaddiema fi professjonijiet li huma partikolarment vulnerabbli għall-IA***; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri proattivi biex jiżguraw li ż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol jiġu appoġġjati b'mod adegwat u jingħataw opportunitajiet ta' impjieg sinifikattiv fl-ekonomija diġitali li qed tevolvi;

Emenda 21
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-	8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-

teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f'ħin reali, ***joħolqu*** bosta riskji għas-saħħa mentali tal-ħaddiema billi ***jċajpru l-konfini*** bejn il-ħajja professjonali u dik privata; jissottolinja l-fatt li tali żviluppi jistgħu jwasslu għal stress eċċessiv relatat max-xogħol, burnout, deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta' iżolament soċjali;	teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f'ħin reali, ***joħloq*** bosta riskji għas-saħħa mentali tal-ħaddiema billi ***jċajpar il-konfini*** bejn il-ħajja professjonali u dik privata ***u riskji serji għar-rispett tad-drittijiet fundamentali***; jissottolinja l-fatt li tali żviluppi jistgħu jwasslu għal stress eċċessiv relatat max-xogħol, burnout, deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta' iżolament soċjali; ***ifakkar fil-ħtieġa li jiġi promoss l-iżvilupp u l-użu iċċentrat fuq il-bniedem ta' IA sikura, sigura u affidabbli fil-qasam tax-xogħol;***

Emenda 22
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-varar ta' sistemi algoritmiċi fuq il-post tax-xogħol jagħti prijorità lill-użu ta' teknoloġiji żviluppati, imħarrġa u ospitati fl-Unjoni Ewropea, sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali, il-protezzjoni tad-data, iċ-ċibersigurtà u l-awtonomija strateġika;

Emenda 23
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni algoritmika tista' żżid il-pressjoni tal-prestazzjoni li tista' twassal għal riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza, bħal disturbi muskoloskeletali u kardjovaskulari jew eżawriment, li jwasslu biex il-ħaddiema jinjoraw jew ma jagħtux kas it-twissijiet ta'	9. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni algoritmika ***fuq il-post tax-xogħol*** tista' żżid il-pressjoni tal-prestazzjoni li tista' twassal għal riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza, bħal disturbi muskoloskeletali u kardjovaskulari jew eżawriment, li jwasslu biex il-ħaddiema jinjoraw jew ma jagħtux

sikurezza, u dan iżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol;	kas it-twissijiet ta' sikurezza, u dan iżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol;

Emenda 24
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissottolinja l-fatt li dawk ir-riskji għandhom jiġu indirizzati b'mod komprensiv u li kwalunkwe varar ġdid jew bidla sinifikanti tal-għodod tal-IA jew tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għal ***valutazzjoni*** tas-saħħa u s-sikurezza u monitoraġġ kontinwu; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jiżviluppaw gwida speċifika għas-settur dwar l-użu responsabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol u jiskambjaw l-aħjar prattiki;	10. Jissottolinja l-fatt li dawk ir-riskji għandhom jiġu indirizzati b'mod komprensiv u li kwalunkwe varar ġdid jew bidla sinifikanti tal-għodod tal-IA jew tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għal ***valutazzjonijiet*** tas-saħħa u s-sikurezza***, kif ukoll valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali kif definiti fl-Att dwar l-IA,*** u monitoraġġ kontinwu; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jiżviluppaw gwida speċifika għas-settur dwar l-użu responsabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol u jiskambjaw l-aħjar prattiki;

Emenda 25
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jissottolinja l-ħtieġa ta' assenjazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet ta' sorveljanza fi struttura organizzazzjonali frekwentament kumplessa tal-postijiet tax-xogħol li se tiżgura r-responsabbiltà, tiffaċilita s-superviżjoni effettiva mill-bniedem, u tippermetti lill-ħaddiema jidentifikaw il-punt ta' kuntatt uman fil-każ ta' kwalunkwe dubju, tħassib, jew ħtieġa ta' kjarifika;	12. Jissottolinja l-ħtieġa ta' ***trasparenza tal-proċessi ta' ġestjoni algoritmika spiss opaki flimkien ma'*** assenjazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet ta' sorveljanza fi struttura organizzazzjonali frekwentament kumplessa tal-postijiet tax-xogħol li se tiżgura r-responsabbiltà, tiffaċilita s-superviżjoni effettiva mill-bniedem, u tippermetti lill-ħaddiema jidentifikaw il-punt ta' kuntatt uman fil-każ ta' kwalunkwe dubju, tħassib, jew ħtieġa ta' kjarifika;

Emenda 26
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jenfasizza li hemm sfidi partikolari li l-persuni b'diżabbiltà, il-ħaddiema akbar fl-età u ***l-individwi vulnerabbli*** jistgħu jiffaċċjaw biex jadattaw ***għat-teknoloġiji*** ġodda fuq il-post tax-xogħol; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu miżuri ta' appoġġ inklużivi u mfassla apposta lejn il-parteċipazzjoni dejjem akbar tagħhom fis-suq tax-xogħol u jiżguraw li kulħadd jibbenefika mill-avvanzi teknoloġiċi;	13. Jenfasizza li hemm sfidi partikolari li l-persuni b'diżabbiltà, il-ħaddiema akbar fl-età***, l-individwi vulnerabbli*** u ***l-impjegati li għandhom nuqqas ta' litteriżmu diġitali*** jistgħu jiffaċċjaw biex jadattaw ***għal teknoloġiji*** ġodda fuq il-post tax-xogħol***; jirrikonoxxi, min-naħa l-oħra, li l-IA għandha l-potenzjal li toffri lill-persuni b'diżabbiltà ambjenti tax-xogħol aktar inklużivi u aċċessibbli***; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu miżuri ta' appoġġ inklużivi u mfassla apposta lejn il-parteċipazzjoni dejjem akbar tagħhom fis-suq tax-xogħol u jiżguraw li kulħadd jibbenefika mill-avvanzi teknoloġiċi;

Emenda 27
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-ekwità algoritmika billi jappoġġjaw sorveljanza sinifikattiva mill-bniedem u l-iżvilupp u l-użu ta' għodod ta' detezzjoni u mitigazzjoni tal-preġudizzju matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika;

Emenda 28
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq li jekk l-Unjoni għandha l-għan li tkun fuq quddiem nett tat-tranżizzjoni diġitali, jeħtiġilha tmexxi bl-	15. Jisħaq li jekk l-Unjoni għandha l-għan li tkun fuq quddiem nett tat-tranżizzjoni diġitali, jeħtiġilha ***mhux biss***

eżempju ***fl-istabbiliment ta'*** standards għoljin ***għall-użu*** tal-IA fl-ambjenti tax-xogħol, inklużi regoli ċari dwar it-trasparenza u s-sorveljanza mill-bniedem; jilqa', f'dan ir-rigward, id-Direttiva (UE) 2024/2831 dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi, li timmarka l-ewwel pass importanti fir-regolamentazzjoni tal-ġestjoni algoritmika billi tintroduċi, fost l-oħrajn, obbligi ta' trasparenza f'setturi fejn tali teknoloġiji qed isawru dejjem aktar id-deċiżjonijiet dwar ix-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiema;

tirregola t-teknoloġiji emerġenti, iżda wkoll tmexxi b'mod attiv l-iżvilupp u l-varar tagħhom fl-Unjoni u jeħtiġilha tmexxi bl-eżempju ***u ssir referenza globali billi tistabbilixxi*** standards għoljin ***għall-varar*** tal-IA fl-ambjenti tax-xogħol, inklużi regoli ċari dwar it-trasparenza u s-sorveljanza mill-bniedem; jilqa', f'dan ir-rigward, id-Direttiva (UE) 2024/2831 dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi, li timmarka l-ewwel pass importanti fir-regolamentazzjoni tal-ġestjoni algoritmika ***fuq il-post tax-xogħol*** billi tintroduċi, fost l-oħrajn, obbligi ta' trasparenza f'setturi fejn tali teknoloġiji qed isawru dejjem aktar id-deċiżjonijiet dwar ix-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiema; ***itenni wkoll l-eżistenza tar-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) 2024/1689 li jipprevedu protezzjonijiet orizzontali fir-rigward tal-użu tal-IA u t-teħid awtomatizzat tad-deċiżjonijiet, inkluż fl-ambjenti tax-xogħol;***

Emenda 29
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jirrikonoxxi l-opportunitajiet ippreżentati mid-diġitalizzazzjoni u l-IA biex tiżdied il-produttività, titrawwem l-innovazzjoni, u tissaħħaħ il-kompetittività globali tal-Ewropa; jissottolinja li kwalunkwe regolament addizzjonali jrid jevita piżijiet amministrattivi eċċessivi, speċjalment għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs), u ma jridx joħnoq l-innovazzjoni fuq il-post tax-xogħol;

Emenda 30
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jirrikonoxxu u jimplimentaw b'mod effettiv id-dritt għall-iskonnessjoni bħala salvagwardja fundamentali biex jipproteġu lill-ħaddiema milli jkunu aċċessibbli jew immonitorjati b'mod permanenti barra mill-ħinijiet tax-xogħol miftiehma;	16. Jistieden lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jirrikonoxxu u jimplimentaw b'mod effettiv id-dritt għall-iskonnessjoni bħala salvagwardja fundamentali biex jipproteġu lill-ħaddiema milli jkunu aċċessibbli jew immonitorjati b'mod permanenti barra mill-ħinijiet tax-xogħol miftiehma; ***jappella wkoll għall-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali għall-ħajja privata u tal-familja, u tal-libertà ta' espressjoni, ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni;***

Emenda 31
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-kumpaniji u l-istituzzjonijiet pubbliċi Ewropej ikollhom aċċess għal għodod tal-IA affidabbli u sovrani, żviluppati f'konformità mal-valuri demokratiċi Ewropej, filwaqt li jevitaw lock-in teknoloġiku ma' forniturи minn ġuriżdizzjonijiet mhux tal-UE;

Emenda 32
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol iqajjem għadd kbir ta' sfidi li jikkonċernaw ***il-protezzjoni*** tad-data personali u l-privatezza tal-impjegati, li jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa u ***reazzjonijiet regolatorji xierqa***;	17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol iqajjem għadd kbir ta' sfidi li jikkonċernaw ***it-trattament dinjituż, il-kapaċità personali li wieħed jieħu azzjoni, l-awtonomija u l-protezzjoni*** tad-data personali u l-privatezza tal-impjegati, li jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa u ***applikazzjoni effettiva tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data***;

Emenda 33
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari ***l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)***, diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal bl-objettiv ċar ta' simplifikazzjoni u faċilità ta' konformità; jenfasizza l-ħtieġa ta' gwida, għodod u mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b'mod effettiv;	18. ***Ifakkar li r-Regolament (UE) 2024/1689*** jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari ***l-SMEs***, diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li ***ma jkun hemm l-ebda duplikazzjoni bejn id-diversi Regolamenti eżistenti u tiżgura li*** kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika ***fuq il-post tax-xogħol*** titfassal bl-objettiv ċar ta' simplifikazzjoni u faċilità ta' konformità***, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjoni jew is-sovrapożizzjoni mal-obbligi legali eżistenti skont ir-Regolament (UE) 2016/679, ir-Regolament (UE) 2024/1689, u strumenti rilevanti oħra tal-UE***; jenfasizza l-ħtieġa ta' gwida, għodod u mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b'mod effettiv;

Emenda 34
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikoli 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (b), u l-Artikolu 16(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal Direttiva dwar il-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;	19. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikoli 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (b), u l-Artikolu 16(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal Direttiva dwar il-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol ***li tirrimedja speċifikament il-lakuni identifikati***, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;

Emenda 35
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(1) L-iskala, il-profondità u l-pass rapidu bla preċedent ***tat-trasformazzjoni***, u l-impatt profond tagħha fuq ix-xejriet tax-xogħol jippreżentaw sfidi trażversali li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni.	(1) L-iskala, il-profondità u l-pass rapidu bla preċedent ***tat-tranżizzjoni diġitali tal-post tax-xogħol***, u l-impatt profond tagħha fuq ix-xejriet tax-xogħol jippreżentaw sfidi trażversali li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni.

Emenda 36
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(2) Is-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jenħtieġ li jinftiehmu bħala għodod u faċilitaturi li jservu kemm lill-impjegaturi kif ukoll lill-ħaddiema billi jtejbu l-effiċjenza, jiffaċilitaw it-teħid tad-deċiżjonijiet, u jappoġġjaw organizzazzjoni aħjar tax-xogħol. Meta jintużaw ***b'mod responsabbli*** u ***trasparenti***, tali sistemi jistgħu jikkontribwixxu għal prattiki aktar ibbilanċjati u infurmati fuq il-post tax-xogħol. Il-varar bir-reqqa tagħhom skont sett komuni ta' regoli tal-Unjoni jenħtieġ li jisfrutta l-potenzjal tagħhom li ***jiżgura*** l-implimentazzjoni b'mod li jirrispetta d-drittijiet fundamentali***, irawwem*** il-fiduċja ***u jippromwovi l-benesseri*** ġenerali tal-ħaddiema.	(2) Is-sistemi ta' ġestjoni algoritmika ***fuq il-post tax-xogħol*** jenħtieġ li jinftiehmu bħala għodod u faċilitaturi li jservu kemm lill-impjegaturi kif ukoll lill-ħaddiema billi jtejbu l-effiċjenza, jiffaċilitaw it-teħid tad-deċiżjonijiet, u jappoġġjaw organizzazzjoni aħjar tax-xogħol. Meta jintużaw ***soġġetti għal mekkaniżmi robusti ta' sorveljanza mill-bniedem, trasparenza*** u ***responsabbiltà u f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema***, tali sistemi jistgħu jikkontribwixxu għal prattiki aktar ibbilanċjati u infurmati fuq il-post tax-xogħol. ***Madankollu, dawn is-sistemi jistgħu joħolqu riskju sinifikanti li jimminaw kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, trattament dinjituż tal-ħaddiema u awtonomija.*** Il-varar bir-reqqa tagħhom skont sett komuni ta' regoli tal-Unjoni jenħtieġ li jisfrutta l-potenzjal tagħhom ***filwaqt*** li ***jtaffi xi whud minn dawn ir-riskji meta tiġi żgurata*** l-implimentazzjoni b'mod li jirrispetta d-drittijiet fundamentali ***u jrawwem*** il-fiduċja***, filwaqt li jsaħħaħ il-benesseri*** ġenerali tal-ħaddiema.

Emenda 37
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(3) In-nuqqas ta' fehim ċar tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika ***jimpedixxi*** lill-ħaddiema milli jaffermaw b'mod effettiv id-drittijiet ***tad-data tagħhom***, u dan ikompli jsaħħaħ l-iżbilanċ tal-poter favur l-impjegatur. Hemm evidenza li l-involviment tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fil-konsultazzjonijiet itejjeb kemm il-prestazzjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol[4].	(3) ***L-opaċità tat-teħid tad-deċiżjonijiet hija problema magħrufa sew assoċjata mal-għodod tal-IA b'mod ġenerali.*** In-nuqqas ta' fehim ċar tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika ***li jirriżulta fuq il-post tax-xogħol jista' jżomm*** lill-ħaddiema milli jaffermaw b'mod effettiv id-drittijiet ***tagħhom u jista' jagħtihom l-impressjoni li huma eskluż mit-teħid ta' deċiżjonijiet jew li qed jitilfu l-kontroll***, u dan ikompli jsaħħaħ l-iżbilanċ tal-poter favur l-impjegatur. Hemm evidenza li l-involviment tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fil-konsultazzjonijiet itejjeb kemm il-prestazzjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol[4].
[4] OECD 2023. https://www.oecd.org/en/publications/the-impact-of-ai-on-the-workplace-main-findings-from-the-oecd-ai-surveys-of-employers-and-workers_ea0a0fe1-en.html; https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/2020/european-company-survey-2019-workplace-practices-unlocking-employee-potential;	[4] OECD 2023. https://www.oecd.org/en/publications/the-impact-of-ai-on-the-workplace-main-findings-from-the-oecd-ai-surveys-of-employers-and-workers_ea0a0fe1-en.html; https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/2020/european-company-survey-2019-workplace-practices-unlocking-employee-potential;

Emenda 38
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(4) ***L-att dwar l-IA jirrappreżenta pass sinifikanti 'l quddiem fir-regolamentazzjoni tas-sistemi*** tal-intelliġenza artifiċjali ***b'riskju*** għoli, ***madankollu għadu insuffiċjenti biex jiġu indirizzati bis-sħiħ l-isfidi ppreżentati mill-ġestjoni*** algoritmika fuq il-post tax-	(4) ***Ir-Regolament (UE) 2024/1689 jikkostitwixxi kisba storika fl-istabbiliment ta' qafas regolatorju komprensiv għas-sistemi*** tal-intelliġenza artifiċjali***, inkluż dawk varati f'kuntesti tal-impjiegi. Huwa mfassal bħala leġiżlazzjoni applikabbli orizzontalment li***

xogħol. ***Għalkemm jikklassifika l-għodod tal-IA relatati max-xogħol bħala riskju għoli, l-enfasi primarja tiegħu hija fuq it-tqegħid fis-suq, is-sikurezza tal-prodotti, u l-obbligi ta' konformità għall-forniturи*** u ***l-utenti, u mhux fuq ir-relazzjoni bejn l-impjegatur u l-ħaddiem. Barra minn hekk***, ***l-Att dwar l-IA ma japplikax għal sistemi*** ta' ġestjoni ***algoritmika li mhumiex ibbażati fuq l-IA***, ***u dan iħalli lakuna regolatorja fl-indirizzar tal-impatt usa' tal-għodod ta' ġestjoni diġitali fuq id-drittijiet tal-ħaddiema, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-djalogu soċjali***.	***tiżgura livell*** għoli ***ta' protezzjoni tas-saħħa***, ***tas-sikurezza u tad-drittijiet fundamentali kontra l-effetti ta' ħsara tal-IA, bħas-sistemi ta' ġestjoni*** algoritmika ***bbażati fuq l-IA*** fuq il-post tax-xogħol. ***Ċerti dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-IA jiffukaw direttament fuq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema, b'mod partikolari l-projbizzjoni li jiġu dedotti emozzjonijiet fil-qasam tal-post tax-xogħol*** u ***l-kategorizzazzjoni ta' ċerti sistemi tal-IA fil-kuntest tal-impjiegi bħala sistemi tal-IA b'riskju għoli***, ***li jirrikjedu salvagwardji u obbligi addizzjonali*** ta' ġestjoni ***tar-riskju, trasparenza u sorveljanza mill-bniedem. Barra minn hekk, l-Att dwar l-IA jipprevedi b'mod espliċitu l-possibbiltà li l-Unjoni u l-Istati Membri jistabbilixxu regoli li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema.***

Emenda 39
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(4a) Filwaqt li l-Att dwar l-IA jikklassifika ħafna għodod tal-IA relatati max-xogħol bħala ta' riskju għoli, l-enfasi primarja tiegħu hija fuq it-tqegħid fis-suq, is-sikurezza tal-prodotti, u l-obbligi ta' konformità għall-forniturи u l-utenti. L-Att dwar l-IA ma fihx dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-użu ta' sistemi algoritmiċi mill-perspettiva tal-ħaddiema jew ir-relazzjoni ta' impjieg u ma japplikax għal sistemi ta' ġestjoni algoritmika li mhumiex ibbażati fuq l-IA, u dan iħalli spazju għal analiżi ulterjuri ta' lakuna regolatorja potenzjali fl-indirizzar tal-impatt usa' tal-għodod ta' ġestjoni diġitali fuq id-drittijiet tal-ħaddiema, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-djalogu soċjali.

Emenda 40
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(5) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***5*** (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ***imur lura għall-2016 u ma kienx imfassal speċifikament*** biex ***jindirizza l-isfidi partikolari tal-protezzjoni tad-data fuq il-post tax-xogħol, u minn dak iż-żmien ir-realtajiet teknoloġiċi u fuq il-post tax-xogħol evolvew b'mod sinifikanti, b'tali mod li dan jirrikjedi aġġornament u tisħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni*** tad-data ***applikabbli għall-impjiegi***, ***peress li bħalissa jħalli lok għall-interpretazzjoni***. ***L-Artikolu 15(1), il-punt (h), tar-Regolament*** (UE) 2016/679***, li jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' trasparenza għall-ipproċessar tad-data u l-limitazzjonijiet ta' tali pproċesssar, jipprevedi biss projbizzjonijiet ċari fil-każ ta' proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet kompletament awtomatizzati,*** li ***għalhekk mhumiex biżżejjed fil-biċċa l-kbira tal-kuntesti relatati mal-impjiegi. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2016/679 jadotta approċċ individwalistiku u ma jagħtix drittijiet kollettivi. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2016/679***, ***l-Artikolu 88 dwar il-protezzjoni tad-data personali*** tal-ħaddiema ***ġie implimentat ħażin u għadu fil-biċċa l-kbira ineffettiv fi kważi l-Istati Membri kollha*** .	(5) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ***jipprevedi qafas legali applikabbli orizzontalment*** biex ***jipproteġi d-drittijiet tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar*** tad-data ***personali tagħhom***, ***inkluż fil-kuntest tax-xogħol***. ***Ir-Regolament*** (UE) 2016/679 ***japplika mingħajr preġudizzju għall-Att dwar l-IA kemm għas-sistemi algoritmiċi bbażati fuq l-IA kif ukoll għas-sistemi li mhumiex ibbażati fuq l-IA. Madankollu, biex jiġi żgurat*** li ***s-sistemi ta' ġestjoni diġitali — kemm jekk ibbażati fuq l-IA kif ukoll jekk le — jintużaw b'tali mod li jirrispettaw id-drittijiet***, ***id-dinjità u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti*** tal-ħaddiema***, hemm lok għal analiżi dwar jekk hemmx bżonn jiġu kkunsidrati aktar miżuri komplementari***.

5 Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

6 Abraha H. (2023), Article 88 GDPR and the Interplay between EU and Member State Employee Data protection rules (L-Artikolu 88 tal-GDPR u l-interazzjoni bejn ir-regoli tal-UE u dawk tal-Istati Membri rigward il-protezzjoni tad-data tal-impjegati), The Modern Law Review

Emenda 41
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5a) Ir-Regolament (UE) 2016/679 ġie adottat b'mod teknoloġikament newtrali u validu għall-futur. Dan japplika għall-ipproċessar ta' data personali kompletament jew parzjalment permezz ta' mezzi awtomatizzati u, skont il-Kapitolu III, jipprevedi drittijiet importanti disponibbli għas-suġġetti tad-data. Jagħti lis-suġġetti tad-data d-dritt li ma jkunux soġġetti għal deċiżjoni bbażata biss fuq l-ipproċessar awtomatizzat inkluż it-tfassil ta' profil, meta dik id-deċiżjoni tipproduċi effetti legali jew b'mod simili taffettwahom b'mod sinifikanti. Tali pproċessar jinkludi sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol. Ir-Regolament (UE) 2016/679 jadotta approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-individwi, madankollu, b'dispożizzjonijiet limitati rigward id-drittijiet kollettivi.

Emenda 42
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 5b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5b) L-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2016/679 għandu japplika għad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-bidu jew it-terminazzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg jew kuntrattwali, it-tiġdid jew in-nuqqas ta' tiġdid ta' ftehim kuntrattwali, u

kwalunkwe bidla fir-remunerazzjoni li tittieħed biss abbażi tal-ġestjoni algoritmika. Tali deċiżjonijiet għandhom ikunu soġġetti wkoll għal rieżami u determinazzjoni finali minn superviżur uman.

Emenda 43
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 5c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5c) L-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2016/679 dwar il-protezzjoni tad-data personali tal-impjegati jippermetti anke li l-Istati Membri, permezz tal-liġi jew ta' ftehimiet kollettivi, jipprevedu regoli aktar speċifiċi biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali ta' impjegati fil-kuntest tal-impjiegi. Madankollu, mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Artikolu 88 ma ntużax estensivament mill-Istati Membri.[1a]
	[1a] Abraha H. (2023), Article 88 GDPR and the Interplay between EU and Member State Employee Data protection rules (L-Artikolu 88 tal-GDPR u l-interazzjoni bejn ir-regoli tal-UE u dawk tal-Istati Membri rigward il-protezzjoni tad-data tal-impjegati), The Modern Law Review

Emenda 44
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(8) Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi ***standards*** minimi komuni tal-Unjoni ***għall-użu*** tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol***, filwaqt li tiżgura***	(8) Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi ***rekwiżiti*** minimi komuni tal-Unjoni ***rigward it-trasparenza u s-sorveljanza mill-bniedem, ir-***

aktar trasparenza u ***ċertezza*** legali madwar l-Istati Membri. Billi toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji kollha, inklużi ***l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju***, jenħtieġ li ***d-direttiva*** jkollha l-għan li tappoġġja adozzjoni ġusta u responsabbli tal-għodod ta' ġestjoni algoritmika. Barra minn hekk, ***se*** ttejjeb iċ-ċarezza u l-prevedibbiltà għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, filwaqt li tarrikkixxi l-esperjenza tax-xogħol tagħhom, trawwem il-fiduċja fit-teknoloġiji diġitali, u tgħin biex jittaffew ir-riskji potenzjali assoċjati mat-teħid ta' deċiżjonijiet algoritmiku fil-kuntesti tal-impjiegi,	***responsabbiltà, l-aċċess għall-informazzjoni kif ukoll rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza*** tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol ***biex jissaħħu d-drittijiet tal-ħaddiema*** u ***ċ-ċertezza*** legali madwar l-Istati Membri ***biex il-ħaddiema jiġu protetti minn monitoraġġ eċċessiv u jiġi appoġġjat il-prinċipju tal-kapaċità tal-bniedem li jieħu azzjoni u l-kontroll fuq deċiżjonijiet li jaħdmu bl-IA***. Billi toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji kollha, inklużi ***l-SMEs***, jenħtieġ li ***din id-direttiva*** jkollha l-għan li tappoġġja adozzjoni ġusta u responsabbli tal-għodod ta' ġestjoni algoritmika ***fuq il-post tax-xogħol***. Barra minn hekk, ***jenħtieġ li*** ttejjeb iċ-ċarezza u l-prevedibbiltà għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, filwaqt li tarrikkixxi l-esperjenza tax-xogħol tagħhom, trawwem il-fiduċja fit-teknoloġiji diġitali, u tgħin biex jittaffew ir-riskji potenzjali assoċjati mat-teħid ta' deċiżjonijiet algoritmiku fil-kuntesti tal-impjiegi,

Emenda 45
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 1 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi ***għall-użu trasparenti tal-ġestjoni*** algoritmika fuq il-post tax-xogħol.	1. Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi ***għat-trasparenza u s-sorveljanza mill-bniedem, ir-responsabbiltà, l-aċċess għall-informazzjoni kif ukoll rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza tas-sistemi ta' ġestjoni*** algoritmika fuq il-post tax-xogħol.

Emenda 46
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – artikolu 1 – paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ħaddiem u impjegatur fl-Unjoni kif ukoll	2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ħaddiem u impjegatur fl-Unjoni kif ukoll

għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati u għall-akkwirenti rilevanti ta' servizzi.	għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati u għall-akkwirenti rilevanti ta' servizzi ***u tistabbilixxi regoli aktar speċifiċi biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fil-kuntest tal-impjiegi***.

Emenda 47
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza japplika bis-shih għall-ipproċessar tad-data personali f'din id-Direttiva, li huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti fir-Regolamenti (UE) 2016/679. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-kompetenzi u s-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji msemmija fir-Regolament (UE) 2016/679.

Emenda 48
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 1 – paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1689. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-kompetenzi u s-setgħat tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq f'dak ir-Regolament.

Emenda 49
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw	Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw

id-definizzjonijiet li ġejjin:

id-definizzjonijiet li ġejjin:

Emenda 50
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. "ġestjoni ***algoritmika"*** tfisser l-użu ta' sistemi awtomatizzati għall-monitoraġġ, is-superviżjoni, l-evalwazzjoni, jew it-teħid jew l-appoġġ ta' deċiżjonijiet ***b'mezzi elettroniċi,*** rigward il-prestazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema ***inklużi s-sistemi*** li ***jipproċessaw id-data personali biex*** jissorveljaw l-attivitajiet fl-ambjent tax-xogħol, kif ukoll ***is-sistemi*** li ***jieħdu*** jew ***jappoġġjaw id-deċiżjonijiet li jaffettwaw b'mod*** sinifikanti ***lill-ħaddiema jew lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati***, ***bħall-organizzazzjoni ta' assenjazzjonijiet*** tax-xogħol, il-qligħ, ***is-sikurezza*** u ***s-saħħa***, il-ħin tax-xogħol, l-aċċess għat-taħriġ, ***il-promozzjoni***, ***u l-istatus*** kuntrattwali;	1. "ġestjoni ***algoritmika fuq il-post tax-xogħol"*** tfisser l-użu ta' sistemi awtomatizzati ***li joperaw b'mezzi elettroniċi*** għall-monitoraġġ, is-superviżjoni, l-evalwazzjoni, jew it-teħid jew l-appoġġ ta' deċiżjonijiet rigward il-prestazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema ***jew persuni*** li ***jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati. Din tinkludi sistemi li*** jissorveljaw l-attivitajiet fl-ambjent tax-xogħol, kif ukoll ***dawk*** li ***jinfluwenzaw*** jew ***jiddeterminaw aspetti*** sinifikanti ***tar-relazzjoni tax-xogħol***, ***bħall-allokazzjoni*** tax-xogħol, il-qligħ, ***is-saħħa*** u ***s-sikurezza okkupazzjonali***, il-ħin tax-xogħol, l-aċċess għat-taħriġ, ***l-opportunitajiet ta' promozzjoni u r-reklutaġġ***, ***il-kontinwazzjoni jew it-terminazzjoni ta' relazzjoni*** kuntrattwali;

Emenda 51
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 3 – punt 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi ***jipprovdu, rispettivament,*** lill-ħaddiema tagħhom u lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati li magħhom għandhom kuntratt, u lir-rappreżentanti tagħhom***, informazzjoni, bil-miktub,*** dwar l-użu jew l-użu ppjanat ta' sistemi għall-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi ***jinfurmaw*** lill-ħaddiema tagħhom u lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati li magħhom għandhom kuntratt, u lir-rappreżentanti tagħhom ***bil-miktub u b'mod ċar u li jinftiehem*** dwar l-użu jew l-użu ppjanat ta' sistemi għall-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol ***f'konformità mal-Artikolu 12, l-Artikolu 13 u l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 50 tar-Regolament***

(UE) 2024/1689.

Emenda 52
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 3 – punt 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi li jużaw sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol, li jaġixxu bħala implimentaturi skont it-tifsira tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) 2024/1689, ikunu familjari kif xieraq mal-istruzzjonijiet tal-użu, kif previst fl-Artikolu 13(3) ta' dak ir-Regolament, ta' kull sistema ta' ġestjoni algoritmika partikolari qabel l-implimentazzjoni tagħha fuq il-post tax-xogħol, inkluż kwalunkwe ċirkostanza magħrufa jew prevedibbli li tista' twassal għal riskji għas-saħħa u s-sikurezza jew għad-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema tagħhom.

Emenda 53
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 3 – punt 2 – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:	2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ***tiġi pprovduta f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u*** tinkludi:

Emenda 54
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 3 – punt 2 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) ***dikjarazzjoni ċara li s-sistemi*** ta' ġestjoni algoritmika ***qed jintużaw*** jew ***hemm il-ħsieb*** li ***jiġu introdotti, inkluża***	(a) ***deskrizzjoni tal-iskop tas-sistema*** ta' ġestjoni algoritmika ***varata*** jew

deskrizzjoni ġenerali tal-iskop tagħhom;	***maħsuba*** li ***tiġi introdotta***;

Emenda 55
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 3 – punt 2 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(b) ***il-kategoriji ta' data miġbura*** u ***pproċessata minn tali sistemi fir-rigward*** tal-ħaddiema ***jew*** tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati***, inkluża d-data relatata mal-imġiba u mal-prestazzjoni tagħhom***, kif ukoll it-tipi ta' azzjonijiet jew attivitajiet immonitorjati;	(b) ***id-data relatata mal-imġiba*** u ***mal-prestazzjoni*** tal-ħaddiema ***u*** tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, kif ukoll it-tipi ta' azzjonijiet jew attivitajiet immonitorjati;

Emenda 56
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 3 – punt 2 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) ***indikazzjoni ċara ta' jekk id-data miġbura tintużax biex jitwettaq teħid*** ta' ***deċiżjonijiet awtomatizzat,*** u***, meta applikabbli,*** deskrizzjoni tan-natura u l-kamp ta' applikazzjoni ta' tali deċiżjonijiet.	(c) ***il-kategoriji ta' deċiżjonijiet li qed jittieħdu jew jiġu appoġġjati minn sistemi*** ta' ***ġestjoni algoritmika*** u deskrizzjoni tan-natura u l-kamp ta' applikazzjoni ta' tali deċiżjonijiet.

Emenda 57
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 3 – punt 3 – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta ***kif ġej:***	3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta ***fuq talba tal-ħaddiem jew tal-persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati u, fi kwalunkwe każ, fil-bidu tal-proċedura ta' reklutaġġ jew ta' selezzjoni jew fl-ewwel jum tax-xogħol fil-każ ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati. Barra minn hekk, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta qabel l-introduzzjoni tal-bidliet skont l-***

Artikolu 4(1).

Emenda 58
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 3 – punt 3 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol għall-ħaddiema u fl-ewwel jum tal-kuntratt għall-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati;	***imħassar***

Emenda 59
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 3 – punt 3 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(b) qabel l-introduzzjoni ta' bidliet li jaffettwaw sostanzjalment il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol jew il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tax-xogħol;	***imħassar***

Emenda 60
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 3 – punt 3 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) fi kwalunkwe ħin fuq talba tagħhom.	***imħassar***

Emenda 61
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 3 – punt 4 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta ***b'mod li jkun ċar u jinftiehem faċilment. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-***	L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta ***f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2016/679*** b'mod li jkun adattat għal-livell

akkwirenti ta' servizzi jipprovdu l-informazzjoni b'mod li jkun adattat għal-livell ta' litteriżmu diġitali raġonevolment mistenni mill-ħaddiema jew mill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati ***biex jifhmu, filwaqt li*** jiġi evitat l-użu ta' lingwaġġ tekniku jew kumpless bla bżonn.	ta' litteriżmu diġitali raġonevolment mistenni mill-ħaddiema jew mill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati ***u għandu*** jiġi evitat l-użu ta' lingwaġġ tekniku jew kumpless bla bżonn. ***Meta jipprovdu l-informazzjoni, l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi għandhom iqisu l-persuni vulnerabbli, bħall-persuni b'diżabbiltà jew il-persuni li ma jistgħux jaqraw u għandhom jadattaw il-mod li bih tiġi pprovduta l-informazzjoni, meta meħtieġ.***

Emenda 62
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 3 – punt 4 – paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà.	***imħassar***

Emenda 63
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 3 – punt 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. L-għoti ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu għandu jkun limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ biex il-ħaddiem jew il-persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati jwettqu xogħolhom, jifhmu kif is-sistemi algoritmiċi jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet li jaffettwawhom, u jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.	***imħassar***

Emenda 64
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 4 – punt 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-varar ta' sistemi ġodda ta' ġestjoni algoritmika, jew ***tali*** aġġornamenti għas-sistemi eżistenti, li jaffettwaw direttament ir-remunerazzjoni, l-arranġamenti tax-xogħol, jew il-ħin tax-xogħol tal-ħaddiema, jitqiesu bħala deċiżjonijiet li x'aktarx iwasslu għal bidliet sostanzjali fl-organizzazzjoni tax-xogħol jew fir-relazzjonijiet kuntrattwali u bħala tali huma soġġetti għal konsultazzjoni skont l-Artikolu 4(2), il-punt (c), tad-Direttiva 2002/14/KE.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-varar ta' sistemi ġodda ta' ġestjoni algoritmika ***fuq il-post tax-xogħol***, jew aġġornamenti għas-sistemi eżistenti, li jaffettwaw direttament ir-remunerazzjoni, l-arranġamenti tax-xogħol, jew il-ħin tax-xogħol tal-ħaddiema ***u tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati***, jitqiesu bħala deċiżjonijiet li x'aktarx iwasslu għal bidliet sostanzjali fl-organizzazzjoni tax-xogħol jew fir-relazzjonijiet kuntrattwali u bħala tali huma soġġetti għal konsultazzjoni skont l-Artikolu 4(2), il-punt (c), tad-Direttiva 2002/14/KE.

Emenda 65
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 4 – punt 2 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) l-objettivi għall-varar jew l-aġġornament ***kif ukoll*** il-proċessi tax-xogħol u l-ħaddiema affettwati;	(a) l-objettivi għall-varar jew l-aġġornament ***tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika,*** il-proċessi tax-xogħol u l-ħaddiema ***u l-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati*** affettwati ***mis-sistema***;

Emenda 66
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 4 – punt 2 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) l-effetti fuq is-saħħa u ***sikurezza*** okkupazzjonali;	(c) l-effetti ***tas-sistema ta' ġestjoni algoritmika*** fuq is-saħħa u ***s-sikurezza*** okkupazzjonali;

Emenda 67
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 4 – punt 2 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

(d) it-tipi ta' data miġbura;	(d) it-tipi ta' data miġbura ***mis-sistema ta' ġestjoni algoritmika***;

Emenda 68
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 4 – punt 2 – punt da (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(da) id-dokumentazzjoni rilevanti f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2024/1689 għas-sistemi tal-IA b'riskju għoli varati jew użati fuq il-post tax-xogħol.

Emenda 69
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 4 – punt 2 – punt e

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(e) il-miżuri fis-seħħ biex jiġi identifikat u mmitigat il-preġudizzju jew l-eżitu diskriminatorju;	***imħassar***

Emenda 70
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 5 – punt 1 – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi ***jkunu pprojbiti milli jipproċessaw*** data personali li tikkonċerna:	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi ***ma jipproċessaw l-ebda*** data personali ***permezz ta' sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol*** li tikkonċerna:

Emenda 71
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 5 – punt 1 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) l-istat emozzjonali jew psikoloġiku	(a) l-istat emozzjonali jew psikoloġiku

tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati;	tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati ***f'konformità mal-projbizzjoni li jiġu inferiti l-emozzjonijiet ta' persuna fiżika fiż-żoni tal-post tax-xogħol kif stabbilit mill-Artikolu 5(1)(f) tar-Regolament (UE) 2024/1689***;

Emenda 72
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 5 – punt 1 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) il-konverżazzjonijiet privati;	(c) il-konverżazzjonijiet privati***, inklużi komunikazzjonijiet elettroniċi u konverżazzjonijiet ma' ħaddiema oħra u ma' rappreżentanti tal-ħaddiema, ħlief meta tali pproċessar ikun legali f'konformità mal-Artikolu 6(1)(c) jew (d) tar-Regolament (UE) 2016/679***;

Emenda 73
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 5 – punt 1 – punt f

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(f) ***l-inferenzi dwar l-oriġini razzjali jew etnika, l-istatus tal-migrazzjoni, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, id-diżabbiltà, l-istat tas-saħħa, is-sħubija fi trade union jew l-orjentazzjoni sesswali.***	(f) ***kategoriji speċjali ta' data personali f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679.***

Emenda 74
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 6 – punt 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jżommu sorveljanza effettiva mill-bniedem f'kull ħin ***tas-sistemi*** kollha ta' ġestjoni algoritmika varati fuq il-post tax-	1. ***Fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol li mhumiex koperti mir-Regolament (UE) 2024/1689,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta'

xogħol. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jiddeżinjaw, u jinfurmaw lill-ħaddiema, lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, u lir-rappreżentanti tagħhom***, b'dan, lill-entità*** responsabbli għall-monitoraġġ tal-funzjonament u l-impatt ta' tali sistemi, inkluża l-konformità ta' tali sistemi mal-istandards legali, tas-saħħa u tas-sikurezza u etiċi applikabbli, kif ukoll għar-rieżami tad-deċiżjonijiet tagħhom.	servizzi jżommu sorveljanza effettiva mill-bniedem f'kull ħin ***fuq is-sistemi*** kollha ta' ġestjoni algoritmika varati fuq il-post tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi jiddeżinjaw, u jinfurmaw lill-ħaddiema, lill-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, u lir-rappreżentanti tagħhom ***dwar il-persuna jew l-entità*** responsabbli għall-monitoraġġ tal-funzjonament u l-impatt ta' tali sistemi, inkluża l-konformità ta' tali sistemi mal-istandards legali, tas-saħħa u tas-sikurezza u etiċi applikabbli, kif ukoll għar-rieżami tad-deċiżjonijiet tagħhom.

Emenda 75
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 6 – punt 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri jibqgħu proporzjonati u aċċessibbli, filwaqt li jevitaw piż amministrattiv intern eċċessiv u obbligi ta' rapportar sproporzjonati fuq l-impjegaturi.

Emenda 76
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 6 – punt 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi u l-akkwirenti ta' servizzi li jvaraw ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol jinfurmaw lill-ħaddiema tagħhom dwar id-dritt tagħhom li jikkontestaw deċiżjoni bbażata fuq teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzat u tfassil ta' profil f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2016/679, u d-dritt għal spjegazzjoni tat-teħid ta' deċiżjonijiet individwali skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE)

2024/1689.

Emenda 77
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 6 – punt 2 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, fuq talba, ikollhom id-dritt li jiksbu mingħand l-impjegatur jew mingħand l-akkwirent ta' servizzi, spjegazzjoni orali jew bil-miktub dwar kwalunkwe deċiżjoni li taffettwa l-aspetti essenzjali tar-relazzjoni tal-impjieg jew kuntrattwali tagħhom, inklużi l-allokazzjoni tal-kompiti, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, l-iskedar tal-ħin tax-xogħol, ir-remunerazzjoni, u l-miżuri dixxiplinari, meta kwalunkwe deċiżjoni relatata ma' tali kwistjonijiet tkun ittieħdet jew tkun ġiet influwenzata b'mod sostanzjali minn sistema algoritmika.	***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-Artikoli 26(7) u 86 tar-Regolament (UE) 2024/1689,*** l-Istati Membri għandhom***, anke f'każijiet fejn dawn ir-Regolamenti ma japplikawx,*** jiżguraw li l-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, fuq talba, ikollhom id-dritt li jiksbu mingħand l-impjegatur jew mingħand l-akkwirent ta' servizzi, spjegazzjoni orali jew bil-miktub dwar kwalunkwe deċiżjoni li taffettwa l-aspetti essenzjali tar-relazzjoni tal-impjieg jew kuntrattwali tagħhom, inklużi l-allokazzjoni tal-kompiti, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, l-iskedar tal-ħin tax-xogħol, ir-remunerazzjoni, u l-miżuri dixxiplinari, meta kwalunkwe deċiżjoni relatata ma' tali kwistjonijiet tkun ittieħdet jew tkun ġiet influwenzata b'mod sostanzjali minn sistema algoritmika.

Emenda 78
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 6 – punt 2 – paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-ispjegazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta fi żmien raġonevoli u f'format li jkun aċċessibbli u li jinftiehem mill-ħaddiem jew mill-persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati kkonċernati.	L-ispjegazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ***u 1b*** għandha tiġi pprovduta fi żmien raġonevoli u f'format li jkun aċċessibbli u li jinftiehem mill-ħaddiem jew mill-persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati kkonċernati.

Emenda 79
Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness 1 – Artikolu 6 – punt 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-bidu jew it-terminazzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg jew kuntrattwali, it-tiġdid jew in-nuqqas ta' tiġdid ta' ftehim kuntrattwali, u kwalunkwe bidla fir-remunerazzjoni ma jittieħdux biss abbażi tal-ġestjoni algoritmika. Tali deċiżjonijiet għandhom ikunu soġġetti wkoll għal rieżami u determinazzjoni finali minn superviżur uman.	***imħassar***

Emenda 80
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 6 – punt 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati jkunu jistgħu jitolbu lill-impjegatur jew lill-akkwirent ta' servizzi jiskatta rieżami tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika ***fis-seħħ fejn ikun*** hemm tħassib ġustifikat li tali sistemi juru preġudizzji jew ħsarat sistemiċi jew joħolqu theddida għall-benesseri mentali jew fiżiku tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati jew għas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol.	4. ***Fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika msemmija fil-paragrafu 1,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati jkunu jistgħu jitolbu lill-impjegatur jew lill-akkwirent ta' servizzi jiskatta rieżami tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika ***fuq il-post tax-xogħol f'każ li jkun*** hemm tħassib ġustifikat li tali sistemi juru preġudizzji jew ħsarat sistemiċi jew joħolqu theddida għall-benesseri mentali jew fiżiku tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati jew għas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rieżami ma jirriżulta fl-identifikazzjoni ta' l-ebda suġġett tad-data, sakemm tali identifikazzjoni ma tintalabx b'mod espliċitu mill-ħaddiem jew mill-persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati kkonċernata, li hija s-suġġett tad-data. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali waqt tali rieżami għandu jikkonforma mar-Regolament***

(UE) 2016/679.

Emenda 81
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 7 – punt 1 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) jevalwaw ir-riskji ***tas-sistema*** ta' ġestjoni algoritmika għas-sikurezza u s-saħħa ***tagħhom***, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji possibbli ta' aċċidenti relatati max-xogħol, riskji psikosoċjali u ergonomiċi kif ukoll pressjoni żejda fuq il-ħaddiema;	(a) jevalwaw ir-riskji ***tas-sistemi*** ta' ġestjoni algoritmika***, abbażi tal-istruzzjonijiet tal-użu disponibbli għall-impjegatur jew għall-akkwirent ta' servizzi li jaġixxi bħala implimentatur f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1689, rigward ir-riskju tagħhom*** għas-sikurezza u s-saħħa, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji possibbli ta' aċċidenti relatati max-xogħol, riskji psikosoċjali u ergonomiċi kif ukoll pressjoni żejda fuq il-ħaddiema;

Emenda 82
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 7 – punt 1 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) jintroduċu miżuri preventivi u ta' ***protezzjoni*** xierqa.	(c) jintroduċu miżuri preventivi u ***abbażi tar-riskju identifikat wara l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni skont il-punti (a) u (b), miżuri*** ta' ***mitigazzjoni*** xierqa.

Emenda 83
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 8 – punt 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. L-awtoritajiet responsabbli għall-monitoraġġ u l-infurzar tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 u tar-Regolament (UE) 2024/1689, li kull wieħed minnhom jaġixxi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza rispettiva tiegħu, għandhom jikkooperaw ma'

	xulxin u mal-awtoritajiet kompetenti biex jinfurzaw l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva msemmija fil-paragrafu 2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 79 u 82 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw id-dritt għal rimedju tal-ħaddiema jew tal-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati.

Emenda 84
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness 1 – Artikolu 8 – punt 2 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(b) li ma jkunx hemm preġudizzju u diskriminazzjoni fit-tfassil, fil-varar jew fil-funzjonament ta' tali sistemi;	(b) li ma jkunx hemm preġudizzju u diskriminazzjoni fit-tfassil, fil-varar jew fil-funzjonament ta' tali sistemi***, b'mod partikolari l-impatti possibbli fuq gruppi vulnerabbli***;

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li fl-opinjoni tagħha ma inkludiet ebda kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	23.9.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 55 –: 8 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Giuseppe Antoci, Jaume Asens Llodrà, Pernando Barrena Arza, Nikola Bartůšek, Ioan-Rareş Bogdan, Krzysztof Brejza, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Caterina Chinnici, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Alessandro Ciriani, Paulo Cunha, Lena Düpont, Marieke Ehlers, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Branko Grims, Evin Incir, Irena Joveva, Erik Kaliňák, Marina Kaljurand, Mariusz Kamiński, Fabienne Keller, Moritz Körner, Alice Kuhnke, András László, Fabrice Leggeri, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Michael McNamara, Nadine Morano, Matjaž Nemec, Ana Miguel Pedro, Emil Radev, Ilaria Salis, Birgit Sippel, Petra Steger, Cecilia Strada, Tineke Strik, Georgiana Teodorescu, Alice Teodorescu Måwe, Tomas Tobé, Tom Vandendriessche, Charlie Weimers, Ewa Zajączkowska-Hernik, Alessandro Zan, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Alex Agius Saliba, Konstantinos Arvanitis, Fredis Beleris, David Casa, Monika Hohlmeier, Nikola Minchev, Javier Moreno Sánchez, Leoluca Orlando, Gaetano Pedulla', Pekka Toveri, Maciej Wąsik
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Marion Walsmann, Kosma Złotowski

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

55	+
ECR	Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Georgiana Teodorescu, Maciej Wąsik, Kosma Złotowski
NI	Erik Kaliňák
PPE	Magdalena Adamowicz, Fredis Beleris, Krzysztof Brejza, David Casa, Caterina Chinnici, Paulo Cunha, Lena Düpont, Branko Grims, Jeroen Lenaers, Nadine Morano, Ana Miguel Pedro, Emil Radev, Pekka Toveri, Marion Walsmann, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
PfE	Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Marieke Ehlers, András László, Fabrice Leggeri, Petra Steger, Tom Vandendriessche
Renew	Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Irena Joveva, Fabienne Keller, Moritz Körner, Michael McNamara, Nikola Minchev
S&D	Alex Agius Saliba, Isilda Gomes, Evin Incir, Marina Kaljurand, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemec, Joanna Scheuring-Wielgus, Birgit Sippel, Cecilia Strada, Alessandro Zan
Verts/ALE	Jaume Asens Llodrà, Saskia Bricmont, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Leoluca Orlando, Tineke Strik

8	**-**
ECR	Charlie Weimers
PPE	Ioan-Rareş Bogdan, Monika Hohlmeier, Alice Teodorescu Måwe, Tomas Tobé
The Left	Konstantinos Arvanitis, Pernando Barrena Arza, Ilaria Salis

3	**0**
ESN	Ewa Zajączkowska-Hernik
The Left	Giuseppe Antoci, Gaetano Pedulla'

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni